MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 65/2011

**Appell Nru. 65/2011**
**Appell Nru. 81/2011**

**Il-Pulizija**
**(Supt. Alexandra Mamo)**
**Vs**
**Martin Cachia**
**Noel Carabott**
**Christopher Hughes**
**Omissis**
**Richard Mercieca**
**Nazzareno sive Reno Buhagiar**
**Michael Sultana**

**Illum 3 t'Ottubru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti/appellati [Martin Cachia ID NO. 235859M, Noel Carabott ID No. 22867M,

Christopher Hughes ID No. 118269M, Richard Mercieca ID No. 324466M, Nazzareno sive Reno Buhagiar ID No. 442470M, Michael Sultana ID No. 232575M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fuq il-Monti sitwat f'Saint James Ditch, il-Furjana nhar il-Hadd 23 ta' Settembru 2001 ghal habta tad-9:30a.m.:

1. xjentement qieghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghal bejgh jew importaw ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' numru ta' CDs, VCDs DVDs, Play Station, PC Games, Audio Tapes u oggetti ohra foloz, u dana bi ksur ta'l-artikolu 298(1)(f) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, iddupplikaw jew mod iehor irriproducew jew ikkuppjaw jew bieghu, qassmu jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassmu xi artikolu jew haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta'l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha u dana bi ksur ta'l-artikolu 298B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk gew joperaw minghjar licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija a tenur ta'l-Avviz Legali 120 ta'l-1992;

3. wkoll talli Martin Cachia wahdu rrenda ruhu bhala recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 6 ta' Jannar 1998, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

4. talli Nazzareno Buhagiar rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta u ma tistax tigi mibdula kif ukoll ikkommetta reat fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija fl-04 ta' April 1995 liema sentenza bdiet tiddekorri mis-26 ta' Jannar 1998.

5. talli Richard Mercieca wahdu rrenda ruhu recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 26 ta' Jannar 1998 , 11 ta' Frar 2000, 12 ta' Mejju 2000, liema sentenzi saru definttivi u ma jistghux jigu mibdula;

6. talli Christopher Hughes wahdu, rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 26 ta' Awissu 1996, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

7. talli omissis wahdu rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 12 ta' Gunju 1998, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Jannar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 298(1)(f), 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li lliberat lill-imputati Michael Sultana u Noel Carabott minn kull akkuza migjuba fil-konfront taghhom, illiberat ukoll lill-appellanti l-ohra Martin Cachia, Christopher Hughes, Richard Mercieca, omissis u Nazzareno sive Reno Buhagiar mit-tieni akkuza migjuba fil-konfront taghhom, izda sabithom hatja ta' l-ewwel akkuza kif ukoll ta' l-akkuzi dwar ir-recidiva u kkundannathom ghal perjodu ta' sitt xhur prigunerija.

Illi b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, l-Qorti kkundannat lill-appellant Martin Cachia ihallas is-somma ta' €662.23, lill-appellant Christopher Hughes is-somma ta' €689.12, lill-imputat Nazzareno Buhagiar is-somma ta' €64.07, lill-imputat Richard Mercieca s-somma ta' €139.23 u lill-imputat omissis s-somma ta' €145.00 favur ir-Registratur tal-Qorti u dana in konnessjoni ma' l-ispejjez peritali.

Illi finalment il-Qorti ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni tad-Dokumenti AFM1 u dana referibbilment ghal dawk l-oggetti li gew indikati bhala appartenenti lill-imputati Martin Cachia, Christopher Hughes, Nazzareno Buhagiar, Richard Mercieca u omissis u ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex ighaddi ghad-distruzzjoni ta' l-istess.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-18 ta' Frar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi

a. tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-imputati kollha hatja tat-tieni imputazzjoni;
b. tikkonfermaha fejn sabet lill-imputati Martin Cachia, Nazzareno Buhagiar, Richard Mercieca, Christopher Hughes u omissis hatja tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghhom;
c. tikkonfermaha fejn sabithom hatja wkoll li huma recidivi;
d. tikkonfermaha fejn ikkundannathom sabiex ihallsu l-ispejjez u fejn ordnat l-ordni tad-distruzzjoni tad-dokumenti kollha relatati ma dan il-kaz; filwaqt li
e. tirrevokaha u thassaraha f'dik il-parti fejn
i. sabet lil Michael Sultana u Noel Carabott mhux hatja tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghhom u lliberathom minnha u fejn
ii. erogat il-piena fil-konfront tal-imputati Martin Cachia, Nazzareno Buhagiar, Richard Mercieca, Christopher Hughes u omissis u
f. minflok ghar-ragunijiet fuq premessi
i. issib lil Michael Sultana u Noel Carabott hatja wkoll tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghhom;
ii. tinfliggi l-piena idoneja kontra l-imputati appellati kollha skont il-ligi inkluz billi jittiehed in konsiderazzjoni l-addebitu tar-recidiva skont il-ligi fejn applikabbli; kif ukoll
iii. taghmel kontra Nazzareno Buhagiar minhabba l-kummissjoni tar-reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Rat ir-rikors tal-appellant Martin Cachia minnu pprezentat fil-11 ta' Frar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn din ma sabitux hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u hati tat-tielet, r-raba`, l-hames, s-sitt u s-seba` akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u tvarja l-istess sentenza billi thassar u tirrevokaha fejn din sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah, u f'dak il-kaz li dan l-appell jigi regettat fil-mertu, tipprovdi ghall-piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Rat ir-rikors tal-appellant Christopher Hughes minnu pprezentat fil-11 ta' Frar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn din ma sabitux hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u hati tat-tielet, r-raba`, l-hames, s-sitt u s-seba` akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u tvarja l-istess sentenza billi thassar u tirrevokaha fejn din sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah, u f'dak il-kaz li dan l-appell jigi regettat fil-mertu, tipprovdi ghall-piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Rat ir-rikors tal-appellant Richard Mercieca minnu pprezentat fil-11 ta' Frar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn din ma sabitux hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u hati tat-tielet, r-raba`, l-hames, s-sitt u s-seba` akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u tvarja l-istess sentenza billi thassar u tirrevokaha fejn din sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah, u f'dak il-kaz li dan l-appell jigi regettat fil-mertu, tipprovdi ghall-piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Rat ir-rikors tal-appellant Nazzareno sive Reno Buhagiar minnu pprezentat fil-11 ta' Frar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn din ma sabitux hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u hati tat-tielet, r-raba`, l-hames, s-sitt u s-seba` akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u tvarja l-istess sentenza billi thassar u tirrevokaha fejn din sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah, u f'dak il-kaz li dan l-appell jigi regettat fil-mertu, tipprovdi ghall-piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti/appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-
Illi huwa car u manifest stante li l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-imputati misjuba hatja kienet

imtaffija wisq tenut kont tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz ukoll fid-dawl tar-recidivita` tal-istess imputati gja misjuba hatja, kif ukoll peress li dik l-Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament mhux ragonevoli tal-provi prodotti quddiemha a karigu ta' Michael Sultana u Noel Carabott b'mod li in bazi ghall-istess provi dik l-Onorabbli Qorti ma setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-liberazzjoni totali taghhom, kif fil-fatt ghamlet.

**Il-kaz ta' Noel Carabott**

Bid-dovut rigward lejn l-ezercizzju maghmul mill-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha, l-esponent ihoss li l-involviment ta' Noel Carabott gie pruvat minghajr dubju dettat mir-raguni li kien wiehed attiv u konsapevoli ghar-ragunijiet li gejjin :-

Noel Carabott innega li l-oggetti elevati mill-van ABB 975 kienu tieghu. Ghalkemm ma xehedx f'dawn il-proceduti, fl-istqarrija a fol. 100 huwa stqarr li dan il-van kien registrat fuq ismu, izda kien bieghu lil Martin Cachia. Pero` ma kienx ghamel it-transfer ghaliex kien traskura. F'dan il-van instabu xejn anqas minn 1654 CD's, 389 VCD's u 929 playstation games.

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma sabitx htija f'dan l-imputat peress li tenniet li l-prosekuzzjoni ma resqitx prova sal-grad rikjest mill-Ligi ghal sejbien ta' htija. L-esponent ma jaqbilx ma dan peress li mill-atti jidher bic-car li kemm Noel Carabott kif ukoll Martin Cachia jaqblu li l-van kien fil-fatt fuq isem Noel Carabott fi zmien rilevanti, izda Martin Cachia a fol. 543 jghid li huwa kien kera dan il-van xi ftit jiem qabel minghand Noel Carabott. Apparti minn hemm huwa jtenni li x-xoghol (jigifieri 1654 CD's, 389 VCD's u 929 playstation games) ma kienux tieghu.

Jirrizulta ghalhekk li kemm Noel Carabott kif ukoll Martin Cachia innegaw li dan ix-"xoghol" kien taghhom. Biss irid jinghad li dan mhux kredibbli. Fil-fatt jirrizulta mix-xiehda tal-Ispettur Sandro Gatt li Noel Carabott seta kien xi helper ta' Martin Cachia.

Li Noel Carabott kien qieghed fuq il-monti dak in-nhar tar-raid mhux kontestat. Biss huwa kontestat li huwa kien qieghed hemmhekk ibiegh jew joffri ghall-bejgh eccetra x-“xoghol” li nstab fil-van registrat fuq ismu. Bir-rispett kollu dan mhux korrett. Jekk wiehed janalizza sewwa l-istqarrija ta’ Noel Carabott a fol. 100 issib li Noel Carabott jammetti li huwa kien qieghed prezenti dak inhar il-monti mhux veru bhala membru tal-pubbliku, izda kien qieghed hemmhekk bil-hsieb li jaqbad ibiegh – u ma bieghx, skond hu, ghax lahqu qabduh. Testwalment jghid hekk : *M. Int kont tbiegh fuq il-monti? T. Kont ser naqbad inbiegh u qabduni mill-ewwel. M. X’kont tbiegh dak iz-zmien? CDs. M. Kemm ilek li waqaft? Minn dak inhar li qabduni l-Pulizija”.* Pero` wara jinnega li huwa kien qed ibiegh dak inhar li gie mitkellem mill-Pulizija.

Illi kif jirrizulta mir-relazzjoni ta’ Martin Bajada a fol. 432 diversi mill-optical diskettes, loghob, audio optical diskettes, optical diskettes, video cassettes, DVDs, u VCDs li nstabu fil-van registrat f’isem Noel Carabott, kienu “non compliant”.

**<u>Il-kaz ta’ Michael Sultana</u>**

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma sabitx htija f’dan l-imputat peress li tenniet li l-prosekuzzjoni ma resqitx prova sal grad rikjest mil-Ligi ghal sejbien ta’ htija. Hawnhekk ukoll l-esponent ma jistax jaqbel ma’ din il-konkluzjoni. Dan peress li jirrizulta mid-deposizzjoni tal-Ispettur Norbert Ciappara a fol. 255 li : *“fit-23 ta’ Settembru tas-sena l-ohra, kelli struzzjonijiet mis-superjuri ttieghi sabiex immur b’team ta’ nies fuq il-monti. Gie indikat lili tilar partikolari. Kien it-tilar ta’ Michael Sultana, u peress illi kien hemm ragunijiet serji, ragjonevoli illi seta` kien hemm xi counterfeits fuq dawn it-tilari tas-CD’s, ix-xoghol tieghi kien li nissizja t-tilar kif inhu, nippakkjah u nnizluh id-Depot, il-garaxx tal-Pulizija biex issir spezzjoni aktar mill-qrib. Sussegwentement hemmhekk jiena sibt lil Michael Sultana fuq it-tilar. Ghidtlu biex izarma. Ikkopera mieghi. Zarma. Nizzilna l-garaxx tal-Pulizija u meta wasalna hemmhekk huwa, Michael Sultana kellmu s-Supretendent Nicholas Ciappara u wara li tah it-twissija li*

*kellu dritt ma jwiegeb ghal ebda domanda, saqsih jekk kienx lest illi ssir spezzjoni fuq l-affarijiet li kellu ppakkjati li kienu fuq it-tilar tieghu minn certa Grace Borg. Ghall-ewwel Michael Sultana oggezzjona, pero` sussegwentement iddecieda illi ssir l-ispezzjoni. Accetta. Minn din l-ispezzjoni jirrizulta li kien hemm xi tlieta jew erbgha CD's li kien hemm suspett fuqhom. Imbaghad l-investigazzjonijiet tkomplew mit-taqsima tal-Economic Crime"*

Bid-dovut rigward l-esponent jidhirlu li din hija deposizzjoni cara li turi l-involviment shih ta' Michael Sultana fuq tilar b'oggetti lesti ghall-bejgh. L-esponent ma jarax li hemm xi raguni legalment jew fattwalment valida ghaliex din id-deposizzjoni giet kompletament skartata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Apparti minn hekk mid-deposizzjoni ta' Martin Bajada a fol. 310 jirrizulta li *"fil-konfront ta' Michael Sultana l-affarijiet kollha kienu non compliant".* Naturalment l-affarijiet f'dan il-kuntest, ghandhom jinftehmu dawk is-Cd's li dan l-espert analizza u li kienu gew elevati minghand Michael Sultana.

**<u>Recidiva</u>**

F'dan il-kaz Martin Cachia, Nazzareno Buhagiar, Richard Mercieca, Christopher Hughes u omissis gew misjuba hatja tar-reat imsemmi fl-ewwel imputazzjoni, izda gew ukoll misjuba hatja li rrendew ruhhom recidivi b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma setghux jigu mibdula.

Bid-dovut rigward pero` l-piena inflitta fuqhom kienet imtaffija wisq ghaliex minkejja li kienet piena karcerarja effettiva, kienet pero` wisq qrib il-minimum f'dan il-kaz. Ir-reat li dwarhom instabu hatja huwa reat li jimmina l-kummerc gust, u l-imputati huma wkoll kummercjanti ! L-imgieba taghhom kellha tkun ferm differenti minn hekk. Il-piena karcerarja f'dan il-kaz, tenut kont tar-recidiva kellha tkun ghola u aktar vicin tal-massimu.

Apparti minn hekk ma jirrizultax li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) procediet kontra Nazzareno Buhagiar minhabba l-kummissjoni tar-reat fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Martin Cachia, Christopher Hughes, omissis,  Richard Mercieca u Nazzareno sive Reno Buhagiar huma s-segwenti :-

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet annuncjament zbaljat kemm fuq punti ta’ dritt kif ukoll fuq apprezzament ta’ fatti.

Illi ghandu jinghad li ai finijiet ta’ l-artikolu 298(1)(f) l-Ewwel Qorti kellha tikkonsidra l-ewwel u qabel kollox, jekk il-merkanzija elevata kellhiex jew le xi tip ta’ marka, sinjal jew emblema.  In oltre jinghad f’dan is-sens li kellu jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-Qorti mhux sempliciment jekk dawn l-oggetti in pessima ipotesi kienux counterfeit jew foloz b’mod generali izda kellu jigi ppruvat b’mod partikolari li kien hemm xi marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq.

Illi fuq din il-kwistjoni l-Ewwel Qorti m’ghamlet l-ebda kumment ta’ xejn u wisq anqas ma ghamel il-perit nominat mill-Qorti Martin Bajada.  F’dan ir-rigward il-Qorti rriportat dak li rrelata Martin Bajada dan li gej :-
*“Illi fil-maggorparti tieghu l-materjal elevat mill-Pulizija kien fil-fatt non compliant u cioe` kif jispjega l-istess espert “il-prodott mhux konformi fil-kwalita`, apparenza ppakkjar u kontenut ma’ prodott kif licenzjat mill-awtur rispettiv”.*

Illi ta’ importanza fundamentali hu l-fatt li l-Ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda referenza ghall-ebda marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq.

Illi l-kunsiderazzjonijiet li ghamlet l-Ewwel Qorti dwar il-kwalita` apparenza u ppakjar, ma jghin bl-ebda mod sabiex jigi stabbilit jekk sehhx jew le ir-reat in dizamina.

Illi in sostenn ta’ dan kollu l-appellant jaghmel ampja referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Gawdenzio Borg tas-26 t’Awwissu 1998, Il-Pulizija vs

Mario Camilleri tas-27 t'Ottubru, 2000 tal-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.

Illi jinghad ukoll li, u dan minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal li l-ezamijiet peritali ma sarux kif imiss ai finijiet ta' l-akkuza indikata, li quddiem l-Ewwel Qorti, ma tresqet l-ebda prova dwar xi ezamijiet komparattivi bejn l-oggetti elevati ma ohrajn originali sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm jew le xi forma ta' ness bejniethom.

Illi f'dan ir-rigward, is-sentenza precitata, dik ta' Il-Pulizija vs Mario Camilleri ukoll tikkummenta in breve. Din tghid :- *"Tant kienet skarna r-relazzjoni tal-perit tekniku li l-Ewwel Qorti hasset il-htiega, fl-istadju tad-difiza li terga titolbu jqabbel is-cd's esebiti ma' compact disc (originali) esebita mill-imputat".*

*Dan jindika kemm kien ikun opportun ezercizzju simili.*

Illi mal-ewwel l-esponent jilmenta dwar il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni senjatament dwar il-preservazzjoni jew nuqqas ta' preservazzjoni tal-materjal formanti l-oggett tar-reat.

Illi mal-ewwel ghandu jinghad li l-materjal allegatament elevat qatt ma gie esebit materjalment izda gie biss esebit formalment bhala DOK AFM1 mill-Ispettur Martin Sammut u s-Supretendent Alexandra Mamo.

Illi fil-passat, kien in dibattitu jekk l-oggetti kellhomx jigu esebiti materjalment jew le sabiex jiffurmaw parti mill-atti processwali.

Illi din il-kwistjoni jidher li giet finalment rizolta bis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Farrugia fil-Qorti ta' l-Appelli Kriminali per Imhallef Dr. Vincent De Gaetano, fit-3 ta' Frar 1995. Hawn il-Qorti qalet is-segwenti :-

*"Mhuwiex ta' ostakolu ghall-esebizzjoni formali ta' oggett taht l-awtorita` tal-Qorti. Il-fatt li dak l-oggett ma jkunx fil-pussess materjali ta' min qed jesebih, purche` tali oggett*

*jigi identifikat a sodisfazzjoni tal-Qorti bhala l-istess oggett elevat".*

Illi in effetti, f'dan il-kaz, l-istess Qorti, hi stess, ikkummentat dwar il-mod infelici u xejn xieraq ta' kif sar l-ezercizzju kemm dwar il-preservazzjoni ta' l-oggetti kif ukoll dwar l-identifikazzjoni ta' l-istess. F'dan ir-rigward ta' min jikkwota verbatim mis-sentenza ta' l-istess l-Ewwel Qorti, li tghid hekk :-

*"Fl-ewwel lok, l-oggetti maqbuda mill-pussess ta' l-imputati qatt ma gew esebiti materjalment fl-atti tal-kawza. Jidher ili xi uhud minn dan in-numru kbir ta' materjal jinsabu fl-edificju tal-Qorti ghand l-exhibit officer .... Jidher illi l-materjal l-iehor ghalhekk ghdu fil-pussess tal-Pulizija".*

Illi l-appellant gustament hawnhekk jikkummenta li dan zgur mhux il-mod ta' kif jigu ppreservati l-provi. Jsaqsu in oltre, x'kontroll seta` kellhom specjalment fuq dak il-materjal li skorrettement baqa` fil-pussess tal-Pulizija.

Illi mbaghad ta' importanza kbira l-Qorti tafferma s-segwenti :-
*"Illi qatt ma gie pprezentat elenku shih ta' l-oggetti maqbuda u liema minnhom jappartjenu lill-imputati individwalment".*

Illi appuntu f'dan ir-rigward li kkummentat il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-kawza indikata meta dik il-Qorti qalet :
*"Purche` tali oggett jigi identifikat a sodisfazzjon tal-Qorti bhala l-istess oggett elevat".*

Illi pero` l-Qorti tmur oltre minn hekk u tkompli tikkummenta fin-negattiv dwar l-operat tal-Pulizija. Din tghid :-
*"Illi jidher li l-materjal kollu elevat ittiehed fid-Depot tal-Pulizija fejn hemmhekk waslu Joe u Grace Borg li bdew jezaminaw dan il-materjal. Illi bir-rispett kollu ghall-abbli prosekuzzjoni, dan ma kienx il-mod ghaqli kif kellha tmexxi din l-investigazzjoni. Illi ghalkemm kien hemm kwantita` kbira ta' materjal involut madankollu inkjesta magisterjali qatt ma saret. Il-materjal gie ezaminat mis-*

*sinjuri Borg li bir-rispett kollu ma kienux esperti nominati biex jaghmlu dan l-ezercizzju".*

Illi hawn, il-Qorti bir-ragun qed tikkummenta avversament ghal kif il-Pulizija ittentat tippreserva l-provi materjali tar-reat, specjalment meta tikkummenta li lanqas biss ma kien gie infurmat l-inkwerenti.

Illi pero` ta' aktar importanza hawn is-segwenti. Il-Qorti tesklama :-
*"Illi ghalkemm il-prosekuzzjoni tallega li l-materjal tqieghed f'kaxxi separati skond l-individwu u l-istess gew issigillati, madanakollu, l-imputati jsostnu li huma ma vverifikawx jekk il-materjal tqieghedx kif suppost".*

Illi dan kollu, huwa ghal kollox irregolari u li zgur li l-prosekuzzjoni kellha tigi ppenelizzata f'dan ir-rigward.

Illi konsegwentement, tenut kont dan kollu, kien adirittura ssorprendenti ghall-ahhar kif wara l-Qorti kkonkludiet li xorta kellha ssib htija fil-konfront ta' l-appellanti ghar-rigward l-akkuza in dizamina.

Illi l-piena fic-cirkostanzi kienet eccessiva.

Illi l-Qorti kellha tqis it-trapass esagerat ta' zmien.
Illi f'dan ir-rigward, kienet il-Qorti tal-Magistrati l-ewwel li kkummentat. Din tghid bla tlaqliq illi l-iter processwali f'din il-kawza gie mifrux fuq numru twil ta' snin. Ghal dan id-dewmien tahti fil-maggorparti l-prosekuzzjoni.

Illi in oltre jinghad li minn dak iz-zmien 'l hawn, ic-cirkostanzi personali ta' l-appellant tbiddlu radikalment.

Illi huwa palezi li l-piena biex taghmel sens u jkollha effett trid tinghata qrib iz-zmien li fih ikun gie kommess ir-reat.

Illi wara kollox l-istess Kostituzzjoni taghna, tiggarantixxi d-dritt tas-smiegh fi zmien ragonevoli.

Illi tenendo kont il-mod zbalordit ta' kif gew kondotti l-investigazzjonijiet u mmexxi dan il-process, din il-

leggerezza inaccettabbli da parti tal-prosekuzzjoni zgur li kellha tigi riflessa fil-piena inflitta.

Illi l-Qorti stess kellha okkazjoni ticcensura dan kollu, pero` mbaghad ma pprovdiet l-ebda rimedju lanqas fil-piena.

Illi n-natura ta' reat innifsu, ghal menu sa' dak iz-zminijiet, ma tantx kien meqjus bhala wiehed daqstant gravanti. F'dan is-sens jinghad li sa ftit qabel, dan il-generu tal-kummerc kien adirittura ttollerat mill-awtoritajiet u kien biss f'dak iz-zminijiet li l-Pulizija Ezekuttiva bdiet tissikka u ticcirkomventa din l-attivita`. Naturalment, kif kien mistenni, l-bejjiegha u hawkers taghna iddelungaw xi ftit biex irratifikaw l-pozizzjonijiet taghhom skond il-ligi, minhabba f'dan, kien konducenti li l-Qorti turi aktar hniena u indulgenza.

Ikkunsidrat.

Minn din il-kawza appellaw kemm l-imputati li nstabu hatja u cioe' Martin Cachia, Christopher Hughes, omissis, Richard Mercieca u Nazzareno sive' Reno Buhajar, kif ukoll l-Avukat Generali ghal zewg imputati Noel Carabott u Michael Sultana li gew illiberati mill-Qorti tal-Magistrati. L-Avukat Generali dehrlu illi l-Qorti tal-Magistrati ghamelt apprezzament thazin tal-provi meta lliberat lil dawn iz-zewg imputati. Il-Qorti l-ewwel sejra tiddisponi l-ewwel mill-appell 81/11 ta' l-Avukat Generali.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi li l-Hadd 23 ta' Settembru, 2001 ghal habta ta' 9:30 am, il-pulizija ghamlet raid fuq il-monti sitwat f'St. James Ditch ill-Furjana fuq rapport illi kellha illi kienu qeghdin jinbieghu kwantita kbira ta' CDs, VCDs, DVDs, Play Station PC games, audio tapes u oggetti ohra foloz bi ksur tal-jeddijied li johrogu mid-drittijiet ta' l-awtur. F'dan ir-raid hadu sehem diversi membri tal-Korp tal-Pulizija maqsuma fi skwadri differenti. L-imputati kollha f'dan il-kaz gew misjuba illi kienu qeghdin f'dak il-post f'numru li jvarja minn imputat ghall-iehor ta' CDs, VCDs,

DVDs, Play Station PC games u audio tapes u oggetti ohra foloz. L-oggetti illi gew elevati gew ezaminati minn Joe u Grace Borg li kellhom id-dritt li jimpurtaw oggetti awtentici minghand il-produttur bil-permessi u licenzji kollha f'posthom u gie determinat illi l-oggetti kollha maqbuda mill-pussess ta' l-imputati kienu fil-fatt foloz. B'hekk l-imputati gew mixlija quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-imputazzjonijiet de quo. Il-Qorti tal-Magistrati pero' dehrilha illi l-involviment ta' Noel Carabott u Michael Sultana ma kienx tali illi jwassal sal-grad illi trid il-Ligi illi tikkonsidra l-operat taghhom fid-dawl ta' htija ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom. Irrizulta illi r-rabta ta' Noel Carabott ma dan il-kaz kien il-van ABB 975 illi go fih instabu kwantita kbira ta' oggetti illi kienu foloz, dan il-van kien registrat f'isem Noel Carabott ghad illi dan ta' l-ahhar jghid illi l-van dakinhar kien bieghu lil Martin Cachia ftit zmien qabel ma sar ir-raid. Martin Cachia pero' jghid illi huwa kien kera dan il-van ftit jiem qabel minn ghand Noel Carabott u jtenni illi l-oggetti illi kienu fil-van ma kienux tieghu. L-Avukat Generali jirreferi ghall-istqarrija ta' Noel Carabott a fol 100 tal-Process fejn huwa jghid li kien fuq il-monti bi hsieb li jbih pero' ma lahaqx ghamel hekk ghax kienu qabduh il-pulizija. Wara pero' nnega illi huwa kien qieghed ibiegh dak inhar illi gie mitkellem mill-pulizija.

Ikkunsidrat.

Minn dawn ir-rizultanzi processwali jirrizulta illi Noel Carabott kellu registrat f'ismu il-van bin-numru ABB 975 li dakinhar li sar ir-raid fit-23 ta' Settembru, 2001 instab go fih kwantita kbira ta' CDs, VCDs u Play Stations illi kienu foloz. Mhuwiex kontestat pero' illi x- granet qabel ma sar dak ir-raid il-van b'xi mod gie trasferit minn Noel Carabott lil Martin Cachia u dakinhar tar-raid il-van kien fil-pussess effettiv ta' Martin Cachia. Il-fatt illi dakinhar il-van kien ghadu registrat fuq Noel Carabott jista jaghti lok ghal xi proceduri ohra anke dawk civili izda ma jnisslux dik ic-certezza morali minghar dubju dettat mir-raguni illi l-oggetti li kien hemm fil-van dakinhar tar-raid kienu ta' l-imputat Noel Carabott peress illi dak it-trapass ta' zmien wara t-trasferiment tal-vettura persuna ohra setghet facilment uzat il-van ghat-trasport ta'dawk l-oggetti ad

insaputa ta' Noel Carabott. Veru illi dan ta' l-ahhar qieghed f'dan il-mistier u allura seta' kellu xi konnessjoni ma dawn l-oggetti, pero' hawnhekk qeghdin fil-kamp kriminali u mhux dawk civili fejn ir-responsabiltajiet huma differenti u l-onoru tal-provi huma wkoll differenti u din il-Qorti taqbel ma l-argument tal-Qorti tal-Magistrati meta qalet illi ma kienx hemm provi sufficjenti illi l-materjal illi gie elevat mill-van bin-numru tar-registrazzjoni ABB 975 kien jappartjeni lill-imputat Noel Carabott. Fil-fatt lanqas ma hemm prova fl-Atti illi dan il-van kien jappartieni lill-imputat Noel Carabott, illi l-istess Noel Carabott ma xhedx f'dawn il-proceduri u fl-istqarrija rilaxxata minnu jsostni illi dan il-van kien ghaddieh lil Martin Cachia u kien qed jigi wzat minnu. Kif ga inghad, il-fatt illi l-van kien ghadu registrat fuq l-imputat Noel Carabott meta dan gie mibjuh/mikri lil terzi jista jaghti lok ghal xi proceduri ohra izda din il-Qorti mhijiex sodisfatta illi hemm in-ness fil-grad li trid Ligi bejn l-oggetti illi nstabu fil-van u l-imputat Noel Carabott. Ghalhekk l-appell ta' l-Avukat Generali ghar-rigward ta' Noel Carabott qed jigi michud.

Ghar-rigward ta' Michael Sultana irrizulta illi gew elevati mill-pussess tieghu 7 CDs. Skont l-Ispettur Norbert Ciappara huwa kien staqsa lil Michael Sultana sabiex is-CDs elevati mill-pussess tieghu jigu spezzjonati minn Grace Borg. Ghall-ewwel Sultana oggezzona pero' sussegwentement iddecieda illi ssir l-ispezzjoni, minn din l-ispezzjoni rrizulta illi kien hemm 3 jew 4 CDs illi kien hemm suspett fuqhom. Naturalmenet din il-Qorti tirraguna illi "suspett" wahdu mhuwiex bizzejjed biex twassal ghal htija u ghalhekk kellha tirrikorri ghad-depozizzjoni ta' Martin Bajada a fol 310 fejn dana qal, *"Fil-konfront ta' Michael Sultana l-affarijiet kollha kienu non compliant."* Is-Supritendent Ciappara jghid illi dakinhar tar-raid huwa sab lil Michael Sultana fuq it-tilar, dana kkopera mieghu, zarma u nizlu lil Michael Sultana bit-tilar b'kollox id-Depot, pero' ma hemm l-ebda prova li Michael Sultana fil-fatt kien qed joffri s-7 optical diskettes elevati minnu ghall-bejh. Ma giex indikat per ezempju fejn kienu dawn is-7 diskettes, kienux ezposti b'mod prominenti ghall-bejh jew inkella f'xi post iehor fejn ma jidhrux. Sultana gie mgieghel inizzel it-tilar kollu kemm hu d-Depot tal-Pulizija

u kien hemmhekk illi fost l-affarijiet li kellu rrizulta li kien hemm dawn is-7 optical diskettes illi seta' kienu foloz, pero' minn imkien ma rrizulta illi Sultana kien qed joffri dawn l-optical diskettes ghall-bejh. Ghalhekk din il-Qorti ukoll taqbel mal-konkluzjoni illi waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fejn dina dehrilha illi l-prosekuzzjoni ma waslitx fi grad li trid il-Ligi biex tipprova xi htija fil-konfront ta' Michael Sultana.

L-Avukat Generali lmenta wkoll li meqjus ir-recidiva tal-persuna li nstabu hatjin il-piena nflitta kienet imtaffa wisq il ghaliex minkejja li kienet piena karcerarja effettiva kienet pero' wisq qrib il-minimum ghal dan il-kaz, ir-reati li dwarhom insabu hatja huma reati li jimmina l-kummerc gust u l-imputati kienu kollha kummercjanti, l-imgieba taghhom kellha tkun ferm differenti minn hekk. Il-piena karcerarja f'dan il-kaz tenut kont tar-recidiva kellha tkun ghola u aktar vicin tal-massimu. Din il-Qorti pero' sejjra tikkonsidra dan l-agravju fl-isfond ta' l-agravji l-ohra ta' l-appellanti peress illi huma wkoll deherilhom ili d-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti ghal dak li jirrigwardja l-piena ma kienetx gusta fil-konfront taghhom.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti tapprezza d-diffikulta illi kellha l-Ewwel Qorti meta giet biex tikkunsidra l-provi illi kellha quddiemha, provi ghal kollox konfuzjonali specjalment ghal kif gew trattati l-esebiti, b'diffikulta biex jigu abbinati l-esebiti ma l-imputati kncernati. Dana apparti d-diffikulta illi kellha l-Ewwel Qorti rigward il-prokura illi l-avukat Patrick Galea kellu ghal xi whud ta' awturi illi kienu qed jippretendu drittijiet fuq dawk l-optical diskettes illi kienu foloz. L-appellanti pero' lmentaw illi l-Artiklu 298 (1) (f) tal-Kap 9 jghid illi kellu jigi ppruvat b'mod partikulari illi kien hemm xi marki, sinjali jew emblemi imxebhin b'qerq. Jghidu li dana ma rrizultax u kullma ghamlet l-Ewwel Qorti kienet illi toqghod fuq il-perit nominat Martin Bajada fejn dana irrelata illi, *"Fil-maggior parti tieghu l-materjal elevat mill-pulizija kien fil-fatt non compliant u cioe' l-prodott mhux konformi fil-kwalita, apparenza, ppakkjar u kontenut ma prodott kif licenzjat mill-awtur rispettiv."* Meta l-espert qed

jitkellem fuq kwalita, apparenza u ppakkjar hawnhekk qed jirreferi ghall-marka, sinjal jew emblema illi ma tkunx maghmulha mill-attur rispettiv izda maghmulha minn terzi b'mod illi tixbah lil dik originali u hawn il-Qorti ma taqbilx ma l-argument ta' l-appellanti meta jghidu illi l-fatt illi kienu "non compliant" ma jfissirx illi kienu foloz ghax f'dan il-kaz sar ezami komparattiv bejn il-foloz u l-genwin u l-espert mahtur mill-Qorti wasal ghall-konkluzjoni illi dawk elevati mill-pussess ta' l-appellanti kienu foloz ghal kull fini u effetti tal-Ligi. Lanqas ma taqbel ma l-argument ta' l-appellanti meta jghidu illi l-Ewwel Qorti, fil-waqt illi ccensurat lill-prosekuzzjoni bil-kbir ghax sabet konfuzjoni bil-mod kif kienu ikkostoditi l-esebiti, ma wasslitx biex ma taccettahomx bhala prova u hawnhekk l-Ewwel Qorti ghamlet zball. Din il-Qorti ma taqbix ma dan l-argument, il-fatt illi kien hemm konfuzjoni bil-mod kif kienu kustoditi l-esebiti ma jfissirx illi dawn l-esebiti mhumiex parti mill-provi illi ngabru f'dan il-process u fil-waqt illi ma hemmx dubju illi l-prosekuzzjoni messha kienet aktar professjonali f'dan il-kuntest, ma jfissirx illi ma saritx il-prova ta'l-oggetti kollha li gew elevati mill-pussess ta' l-appellanti kienu foloz ghal fini tal-Ligi u ghalhekk l-Ewwel Qorti ghamlet sew meta waslet ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghal dak li jirrigwardja l-piena l-appellanti qeghdin jghidu illi dana jirrizali ghal 10 snin ilu u li llum huma rtirati u ma ghadhomx jarmaw fuq il-monti. Barra minn hekk, Noel Carabott ghandu problemi psikjatrici u dan id-dewmien kien dovut ghall-prosekuzzjoni fejn allura kellha tirrifletti fuq il-piena.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti tinnota illi l-appellanti huma "habitual offenders" ghal dak li jirrigwardja reati kontra d-drittijiet ta' l-awtur fejn kellhom sensiela ta' kundanni fuq bejh ta' prodotti foloz. Minkejja dawn il-kundanni jidher li ma tawx kaz u xorta baqghu ghaddejjin bl-attivita llegali taghha. L-Ewwel Qorti hadet inkonsiderazzjoni t-trapass taz-zmien u anke l-mod kif il-prosekuzzjoni mexxiet u kien ghalhekk illi dehrilha illi kellha tapplika piena ta' prigunerija effettiva fil-minimu taghha. Il-principju regulatur hu li mhux normali illi l-Qorti ta' l-Appella tiddisturba l-apprezzament tal-Qorti tal-

Magistrati jekk jirrizulta illi l-piena nflitta tkun fil-parametri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika illi setghet kienet mod iehor.  Din il-Qorti jidhrilha illi l-piena nflitta hija fil-parametri tal-Ligi kif ammetta l-istess Avukat Generali fir-rikors ta’ l-appell tieghu u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba din id-decizjoni.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tiddisponi mill-appell ta’ l-Avukat Generali, kif ukoll mill-appell ta’ l-appellanti u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------